**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 20 ta' Jannar, 2018**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Jessy Bonvin**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Jessy Bonvin detentur tal-jarta tal-identita Svizzera li ggib numru C9050125 u detentur ta' passaport Svizzeru numru X3094947

1. Akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer, nhar l-20 ta' Jannar, 2018 ghal habta tas-siegha ta' filghodu (01:00am) ikkommetta serq ta' nuccali tax-xemx tad-ditta Rayban, li kien gewwa vettura tal-ghamla Pajero b ' numru ta' registrazzjoni LGV 207 ghad-detriment ta' Jonathan Micallef u/jew

persuni ohra liema serq huwa aggravat bil-‘valur’ li ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu, bil-‘hin’ u bix-‘xorta ta’ haga misruqa’ (Art. 261 (c),(f),(g), 267, 270, 271(g), 279(a) Kap 9.

2. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f’ post pubbliku jew f’ post accessibli ghal pubbliku kien jinstab fi stat ta’ sakra. (Art 338(ff) Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar l-20 ta’ Jannar, 2018 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li ghandu fedina penali nadifa kif ukoll il-fatt li kkopera fl-kors tal-investigazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli Art. 261 (c),(f),(g), 267, 270, 271(g), 279(a), 338(ff) u 17 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b' applikazzjoni tal-Art. 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**Magistrat**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**